# FLORA U FAWNA TAL- GŻEJJER MALTIN
## IL-BUŻAQQ

**Il-Bużaqq (Ingliż: Killifish) intagħżel bħala l-ħuta nazzjonali ta' Malta fl-2018. Din il-ħuta tissejjaħ ukoll Mediterranean Killifish. Peress li ma tittikielx, din il-ħuta ma tantx hi magħrufa mal-pubbliku.**

**Isem Xjentifiku:** Aphanius fasciatus ifisser inviżibbli u bl-istrixxi. L-isem bil-Malti Bużaqq ġej mill-Għarbi u jfisser il-missier tal-ixkora. Bil-lingwa Ingliża, din il-ħuta hija magħrufa wkoll bħala Mediterranean Toothcarp jew Mediterranean Banded Killifish.

**Deskrizzjoni:** Din hija l-unika speċi Aphanius li tinsab lokalment. L-ispeċi maskili għandhom denbhom safrani ċar jew safrani fl-oranġjo. Għandhom ukoll bejn 8 u 15-il strixxa ta' lewn ikħal skur li jagħti fil-griż fuq sfond kulur il-fidda. Hemm każi fejn ċertu gruppi jkollhom strixxa addizzjonali, wiesgħa u skura. Normalment, dawn l-istrixxi jkunu f'forma regolari. L-ispeċi femminili għandhom bejn 11 u 17-il strixxa qasira ta' lewn kannella skur fuq il-ġnub, fuq sfond ta' strixxa mimduda ta' kulur griż ċar. Ġeneralment, it-tul tagħhom ilaħħaq bejn il-50 u l-55mm, iżda ġieli nstabu speċi maskili li kienu jilħqu s-60mm.

**Firxa:** Din l-ispeċi hija mifruxa mal-Mediterran Ċentrali u tal-Lvant, inklużi l-ibħra tal-Adrijatiku u l-Eġew, il-kosta tal-Lvant Nofsani u l-kosta tal-Afrika ta' Fuq, li tibda mill-Eġittu sal-Alġerija. Tinsab ukoll fil-gżejjer ta' Sardinja, Korsika, Sqallija u Malta. F'Malta, din l-ispeċi tinsab f'inħawi limitati u speċifiċi fejn hemm il-preżenza ta' ilma salmastru (jiġifieri ilma ħelu mħallat mal-ilma baħar) bħal fis-Salina u fir-riserva naturali tal-Għadira, fil-Magħluq ta' Marsaskala u f'postijiet oħra. Dan l-aħħar ġiet identifikata wkoll fil-bokka tal-kanal taċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa.

**Stat:** Rari, però komuni fil-ftit postijiet fejn tinsab.

**Abitat:** Il-Bużaqq tikber f'diversi tipi t'abitati, madwar ilma baxx kostali bħal laguni, salini u ilma ġieri, f'inħawi fejn il-veġetazzjoni tikber folta taħt l-ilma. Għandha l-kapaċità li tadatta malajr għal tipi t'ilma differenti, kemm dak ħelu u kif ukoll dak b'livell għoli ta' salinità. F'Malta din tinsab l-aktar f'postijiet li għandhom ilma salmastru.

**Konservazzjoni:** Din l-ispeċi hi protetta fuq livell Ewropew, u għaldaqstant, hija protetta wkoll fil-Gżejjer Maltin. Fl-2015 ġie varat proġett ta' riġenerazzjoni sabiex il-preservazzjoni ta' din l-ispeċi tiġi mħarrsa. B'hekk, il-ħarsien tal-abitat ristrett fejn tgħix huwa importanti ferm għall-preservazzjoni ta' din l-ispeċi.



© 2021 Heritage Malta Publishing